

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)  
> Denmark

## Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Danimarka

Danimarka



Din it-taqsimha tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ordinarji fid-Danimarka.

### Qrati ordinarji – introduzzjoni

#### Qorti Suprema (Højesteret)

Il-Qorti Suprema hija l-ogħla qorti tal-appell fid-Danimarka u tinstab f'Copenhagen. Il-qorti tirrevedi s-sentenzi u l-ordnijiet mogħtija minn:

- Il-Qorti Superjuri tad-Danimarka tal-Lvant
- Il-Qorti Superjuri tad-Danimarka tal-Punent u
- Il-Qorti Marittima u Kummerċjali ta' Copenhagen.

Il-Qorti Suprema tirrevedi kemm każijiet ċivili kif ukoll kriminali u hija l-ogħla qorti tal-appell (it-tielet grad) fir-rigward ta' każijiet ta' rahan, falliment, infurzar u ta' reġistrazzjoni ta' artijiet.

Il-Qorti Suprema ma tirrevedix kwistjonijiet ta' ħtija jew innoċenza f'każijiet kriminali. F'każijiet eċċezzjonali biss jeżisti d-dritt tal-appell (it-tielet grad) quddiem il-Qorti Suprema (ara hawn taħt). Mhemm l-ebda imħallfin onorarji li jservu fil-Qorti Suprema.

#### Il-Qorti Superjuri tal-Lvant (Østre Landsret) u l-Qorti Superjuri tal-Punent (Vestre Landsret)

Fid-Danimarka hemm żewġ qrati superjuri fid-Danimarka – il-Qorti Superjuri tad-Danimarka tal-Punent u l-Qorti Superjuri tad-Danimarka tal-Lvant. Il-qrati superjuri jismgħu l-appelli mill-qrati distrettwali.

Il-każijiet ċivili u kriminali jiġu trattati mill-qrati distrettwali (l-ewwel grad). Taħt ċerti kundizzjonijiet każ ċivili jista' jitressaq quddiem qorti superjuri.

#### Il-qrati distrettwali (Byretterne)

Il-qrati distrettwali jismgħu każijiet ċivili, kriminali, ta' infurzar, ta' rahan u falliment. L-atti notarili wkoll jagħgu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati distrettwali. Ċerti qrati distrettwali se jkomplu jamministraw ir-reġistrazzjoni f'ċerti distretti ġurisdizzjonali sakemm din tgħaddi għal għand il-Qorti tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet.

### Bażijiet tad-dejta legali

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta [l-karta strutturali tas-sistema ġudizzjarji Daniża](#).

L-aħħar aġġornament: 05/05/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.